# LIL RUŻAR BRIFFA

*(Dehret fil-"Pronostku Malti" ta' l-1928)*

*Ta'* F.S. Caruana

Għad jgħaddi ż-żmien, Rużar, bħal ħolma mbiegħda
U għad niltaqgħu ħiemda b'qalb mitfija
Fi xfar l-irdum, inħarsu lura u ngħidu:
"Fejn huwa, ħerba, ż-żmien minn taż-żgħożija?"

"Fejn huma l-jiem li qalbna kienet waħda
U ħsiebna bħal farfett iżur il-ward:
Infittxu l-hena u nsibu l-hena mħallta,
Għax hena mħallta biss hemm fuqha l-art!

"W infittxu lil xulxin ħa nferrħu għommitna,
W insabbru lil xulxin bl-istess hemm tagħna;
Għax qbilna f'kollox: fl-hena w fit-tbatija
Għax qbilna sa fix-xejra minn tal-għana!

" U qbilna sa fil-ħsieb li jqalleb moħħna,
U qbilna fit-tbissima ta' xoffitna,
U qbilna fit-tektik ta' ġo sidirna,
U qbilna sa fix-xejra ta' mħabbitna!...

"U għadda ż-żmien, 'ma l-għanja baqgħet fina:
*Il-għanja ħelwa, l-għanja taż-żgħożija,*
U għad li ma stajniex niktbuha dejjem
Ġo qalbna twieldet... għexet bla tbatija".

Għad jgħaddi ż-żmien, Rużar, u għad niltaqgħu
Fi xfar l-irdum, imkaxkra mix-xjuħija,
U għad li ħsiebna ikun għajjien bid-dinja,
Il-għanja fina tibqa' taż-żgħożija.

18.4.1927

**NOTA EDITORJALI:** **Iż-żewġ poeżiji "Lil F.S. Caruana" ta' Rużar Briffa (Pronostku 1927) u "Lil Rużar Briffa" ta' F.S. Caruana (Pronostku 1928), kienu ġew maqlubin bil-Franċiż minn Laurent Ropa u miġjubin fil-ktieb tiegħu "Pöetes Maltais".**